**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv, li jallega li l-approċċ globali tal-konvenuta, li b'riżultat tiegħu iż-żejt tal-palm jikkwalifika bħala materja prima b'riskju għoli ta' ILUC, ma huwiex proporzjonat.

2. It-tieni motiv, li jallega li l-konvenuta wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta ddeċidiet li ż-żejt tal-palm huwa materja prima b'riskju għoli ta' ILUC, indipendentement mill-oriġini tiegħu.

3. It-tielet motiv, li jallega li l-kriterji għall-klassifikazzjoni taż-żejt tal-palm bħala materja prima b'riskju għoli ta' ILUC huma diskriminatorji.

4. Ir-raba' motiv, li jallega li l-Kummissjoni naqset milli twettaq l-evalwazzjoni tal-impatt meħtieġ qabel l-adozzjoni tar-regolament ikkontestat.

5. Il-ħames motiv, li jallega li l-Kummissjoni naqset milli tagħti r-raġunijiet sottostanti għall-formula użata biex ġie deċiż li ż-żejt tal-palm huwa materja prima b'riskju għoli ta' ILUC.

---

**Rikors ippreżentat fis-16 ta' Awwissu 2019 — Muratbey Gida vs EUIPO (Forma ta' ġobon immaljat)**

**(Kawża T-570/19)**

(2019/C 328/82)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Muratbey Gida Sanayi Ve Ticaret AŞ (Istanbul, it-Turkija) (rappreżentant: M. Schork, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Informazzjoni dwar il-proċedura quddiem l-EUIPO**

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata*: Trade mark tridimensjonali bil-kulur iswed u abjad (Forma ta' ġobon immaljat) — Reġistrazzjoni Nru 17 909 082

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-13 ta' Ġunju 2019 fil-Kawża R 106/2019-4

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---